**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 603/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Ahmed Mousa Khalifa Mohamed**

Illum, 24 ta' Gunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Ahmed Mousa Khalifa Mohamed** ta' 30 sena' bin Muja u Bedrija', imwieled gewwa Benghazi, il-Libja fis-16 ta Ottubru 1990, residenti gewwa Hal Far Tent Village, Limiti ta Hal Far, Birzebbugia u detentur tan-numru tal-Pulizija 20JJ-040, akkuzat talli:

Nhar l-erbatax (14) ta' Settembru 2021 ghal habta tal-erbgha u nofs ta' filghaxija 16:30hrs u/jew f'hinijiet gabel gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jgieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fug il-persuna ta Ahmed Mahmoud hekk kif gie certifikat minn Dr. Ryan Falzon (Med. Reg. No: 4320) u Dr. Josef Mifsud (Med. Reg No: 3231);

2. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebb ghall-istess Ahmed Mahmoud sabiex jingurjah, idejju jew jaghmmillu l-hsara;

3. Akkuzat ukoll talli volontarjament kisser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza cioe' Ahmed Mahmoud ghaz-zamma ta l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta l-protezzjoni tal-persuni imsemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' volenza, tohrog ordni ta protezzioni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika il-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-16 ta' Settembru 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2022 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Il-Qorti rat li d-difiza ezentat lill-Qorti milli terga tisma l-provi gia mressqa sa dan l-istadju mill-prosekuzzjoni.

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-13 ta' Novembru 2023 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[3]:

1. Fl-artikoli 214; 215; 216(1) (a) (i) ii) (b); 217; 218(1) (a) (b) (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 382A; 383; 384; 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tal-24 ta' Novembru 2023 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi

[1] Fol. 9 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 111 ta' l-atti processwali
[3] Fol. 178 ta' l-atti processwali

procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar l-24 ta' Novembru 2023.[5]

Rat illi l-provi tad-difiza gew definittivament maghluqa nhar il-25 ta' Jannar 2024.[6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna incidenza ta' glieda bejn l-imputat Musa Khalifa Mohamed Musa u l-parte civile Ahmed Mahmoud li sehhet nhar l-14 ta' Settembru 2021 wara nofsinhar fil-Marsa, li fiha, il-parte civile allegatament sofra griehi ta' natura gravi.

---

[4] Fol. 179 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 179 ta' l-atti processwali
[6] Fol. 138 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021 xehed l-**Ispettur Andy Rotin**[7] fejn ipprezenta certifikat datat 15 ta' Settembru 2021 li jindika li l-imputat kien fi stat li jigi interrogat u mressaq quddiem il-Qorti[8]. Ipprezenta ukoll certifikat mediku mahrug dwar griehi gravi subiti minn Ahmed Mahmoud Ahmed[9]. Ipprezenta ukoll certifikat mediku dwar griehi gravi subiti mill-imputat Ahmed Mohamed Musa Khalifa[10]. Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022[11] ipprezenta l-passaport tal-imputat.

Fl-istess seduta il-parte civile **Ahmed Mohmoud**[12] iddikjara li ma jixtieqx jixhed fil-konfront tal-imutat sabiex jevita l-possibilita` li jinkrimina lilu nnifsu.

Fl-istes seduta xehed it-**Tabib Josef Mifsud**[13], li kkonferma li nhar l-14 ta' Settembru ghall-habta tat-20:15hrs kien ezamina lill-parte civile Ahmed Mahmoud u rrizulta li dan kellu gundalla u ticrita ta' madwar 1cm vicin tal-ghajn xellugija u ticrita ta' madwar 3cm fuq l-istess naha tal-wicc. Kellu ukoll lacerazzjoni vicin il-polz tal-id xellugija. Gew certifikati bhala griehi gravi.

[7] Fol. 20-21 tal-atti processwali
[8] Dok AR1, Folio 23 ta' l-atti processwali
[9] Dok AR2, Folio 22 ta' l-atti processwali
[10] Dok AR3, Folio 24 ta' l-atti processwali
[11] Fol. 84-85 tal-atti processwali
[12] Fol. 27-28 tal-atti processwali
[13] Fol. 29-32 tal-atti processwali

Ikkummenta li dawn it-tip ta' griehi huma generalment kompatibbli ma aggressjoni bi strument li jaqta'.

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2021 xehed **PC 388 Clayton Azzopardi** stazzjonat fir-Rapid Intervention Unit[14]. Spjega li nhar l-14 ta' Settembru 2021 ghall-habta tal-16:30hrs, il-Pulizija giet informata li kienet qed issehh glieda fl-inhawi ta' Triq is-Salib, Il-Marsa. Instab persuna mal-art mid-dmija u nies fuq il-post indikaw id-direzzjoni lejn fejn kien harab l-aggressur. Fil-fatt, ftit il-boghod instab persuna iehor li ukoll kien bid-dmija kien l-imputat. Gie arrestat fuq il-post.

Fl-istess seduta xehed **PC 310 Wayne Buhagiar**, stazzjonat fir-Rapid Intervention Unit[15]. Spjega li fl-14 ta' Settembru 2021 ghall-habta tal-16:30hrs attenda fuq rapport li kien hemm glieda fi gnien fil-vicinanzi tal-Ghassa tal-Marsa. Bhall-kollega tieghu, spjega li instab persuna mal-art mid-dmija u li ftit 'il boghod instab persuna iehor li ukoll kien bid-dmija li kien l-imputat. L-imputat gie arrestat fuq il-post u ngiebet assistenza medika ghaz-zewg persuni.

Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2022 xehed **PC 454 Shaun Mifsud**[16], stazzjonat fl-Ghassa tal-Marsa. Flimkien mal-ufficjali mill-RIU, kien intervjena fuq ir-rapport dwar l-incidenza de quo. Meta wasal fuq il-post iz-zewg persuni involuti kien qed jigu mdewwija minn tim mediku. Inghata struzzjonijiet mill-Ispettur Andy Rotin sabiex jinzammu taht. Sussegwentament akkumpanja ill-imputat Ahmed Mohamed Musa Khalifa fl-Isptar Mater Dei fejn dan prova jahrab diversi drabi. Ikkonferma li kien informal ill-impuat bid-drittijiet kollha tieghu, inkluz li jitkellem ma avukat tal-ghajnuna legali.

[14] Fol. 51-53 tal-atti processwali
[15] Fol. 54-56 tal-atti processwali
[16] Fol. 72-75 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehdet **PS 2344 Abigail Laferla**[17], stazzjonata fl-Ghassa tal-Hamrun li kkonfermat li hija hadet ir-rapport dwar l-okkorrenza odjerna.

Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022 xehed it-**Tabib Dr Mark Anthony Attard Biancardi**[18] li kkonferma li fl-14 ta' Settembru 2021 kien invista lill-imputat Ahmed Mohamed Musa Khalifa fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar Mater Dei. Sab li dan kien sofra griehi f'dahru, wiccu u idu x-xellugija li kienu jidhru kkawzati minn xi oggett bil-ponta. Dawn il-griehi gew klassifikati bhala gravi per durata.

Fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2022 xehed it-**Tabib Dr Ryan Falzon**[19]. Spjega li fl-14 ta' Settembru 2021 ghal-habta tal-22:15hrs kien invista lil Mohmoud Ahmed fic-centru tas-sahha tal-Furjana u sab li dan kien qed isofri minn gundalla u ticrita ta' madwar 1cm vicin tal-ghajn xellugija u ticrita ta' madwar 3cm fuq l-istess naha tal-wicc. Kellu ukoll lacerazzjoni vicin il-polz tal-id xellugija u qasma ta' madwar 5cm fuq wara tar-ras. Il-lacerazzjoni kien diga` gew sutured mid-Dipartiment tal-Emergenza. Gew certifikati bhala griehi gravi. Ix-xhud sahaq li mhuwiex kwalifikat sabiex jiddetermina x'kienet il-kawza tal-griehi.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2022 xehed **PC 491 Gabriel Portelli**[20], stazzjonat fl-Ghassa tal-Hamrun. Spjega li fl-14 ta' Settembru 2021 huwa kien mar bhala fixed point duty fl-Isptar Mater Dei mal-imputat Ahmed Mohamed Musa Khalifa. Sab lill-imputat fid-Dipartiment tal-Emergenza u nnota li dan kellu hwejjeg imqatta` u kellu dmija ma idejh u ma wiccu.

[17] Fol. 76-78 tal-atti processwali
[18] Fol. 82-83 tal-atti processwali
[19] Fol. 125-127 tal-atti processwali
[20] Fol. 134-135 tal-atti processwali

Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023 xehed it-**Tabib Dr Mario Scerri**[21], espert mediko-legali mahtur mill-Qorti sabiex jezamina lill-parte civile Ahmed Mahmoud. Huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu u spjega li dan illum ghandu cikatrici fil-wicc li hija permanenti u tidher *"from a talking distance".*[22] Hija rizultat ta' blunt trauma.

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2023 xehed l-**Ispettur Andy Rotin**[23]. Spjega li mhar l-14 ta' Settembru 2021 ghall-habta tal-17:20hrs, kien gie infurmat minn PS 2344 Abigail Laferla dwar l-incidenza de quo u li fuq il-post kienu diga` attendew ufficjali mill-RIU. L-ghada, fil-15 ta' Settembru 2021 ha l-istqarrija tal-imputat fl-Ghassa tal-Hamrun fil-prezenza ta' PC 455 Gabriel Bugeja.

Illi l-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija kif ukoll li iwiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu. Mill-istqarrija jikkonferma li kien iltaqa ma Ahmed Mahmoud nhar il-14 ta' Settembru 2021 gewwa Triq is-Salib, il-Marsa u spjega li Mahmoud mar sabiex jisraqlu l-flus, mobajl u hwejjgu. Jghid li Mahmoud hadlu mitejn u tlieta u sebghin Euro u l-mobajl tieghu li jiswa elfejn Ewro minn idu. Wara li gara dan ma jiftakarx x'gara iktar hlief li spicca l-isptaijiet Mater Dei u ta' Mount Carmel. Jghid *"Naf li ggielidna u l-iswed hadli l-flus. Huwa gie ghalija bi flixkun tal-birra."*

Fl-istqarrija jikkonferma li aggreddih: *"Iva tghajtu d-daqqiet ghaliex huwa taghni d-daqqiet. Dak biss li niftakar Sir dak kollu li naf li ghidtulek. Jien id-daqqiet tghajtomlu bil-ponn."*

[21] Fol. 149-151 tal-atti processwali
[22] Folio 144-153 ta' l-atti processwali
[23] Fol. 180-181 tal-atti processwali

L-imputat baqa jinsisti li r-raguni ghalfejn ta d-daqqiet ta' ponn huwa minhabba li Mahmoud ried jisirqu u ma ridx li jiggieled mieghu u irrid li Mahmoud ma jkellmux aktar.

L-Ispettur esebixxa r-rapport ta' l-incident[24] fejn hemm imnizzel li l-pulizija irikorrew fuq il-post ta' l-incident ghaliex kien hemm zewg persuni jiggieldu bil-hgieg. Fir-rapport hemm imnizzel li l-imputat stqarr li Mahmoud avvicinah ghal flus u l-imputat ma rridx jaghtih flus u b'hekk inqala l-glied. Fl-istess rapport hemm il-verzjoni ta' certu Abdulaziz Ibrahim Ibrahim li stqarr li l-imputat beda jghajjat u jallega li kien seraqlu l-mobajl u l-flus tieghu. Meta qalli li dan ma kienx minnu bdew jargumentaw u jiggieldu sabiex ihallih wahdu izda l-imputat baqa jippersisti.

Mill-istess rapport irrizulta wkoll li meta l-imputat inghata ghajnuna medika ma bediex jagixxi b'mod normali u kien qed ikun aggressiv wkoll mal-infermiera li ppruva jassistuh. Sussegwentement gie trasferit gewwa l-isptar Mount Carmel sabiex jigi rikoverat hemmhekk u ghal-aktar osservazzjonijiet.

Mix-xhieda tat-tabib Dr. Mark Anthony Attard Biancardi irrizulta li l-imputat ukoll soffra griehi ta' certu portata f'diversi partijiet ta' gismu li jinkludu daru u li saru b'oggett ipontat. Dan jaghti indikazzjoni li l-imputat kien qed jigi aggredit b'strument u la kien sofra griehi f'daru, f'wiccu u f'rasu dan kien tqieghed f'posizzjoni ta' necessita li jidefendi lilu nnifsu.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

[24] Dok D, Folio 15-17 ta' l-atti processwali

Illi l-Avukat Generali fir-rinvija ghall-guddizju jindika l-artikolu 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b), 217 u 218(1)(a)(b)(2) bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 215 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"L-offiza fuq il-persuna tista tkun gravi jew hafifa."*

L-artikolu 216(1)(a)(iii)(b)(2) tal-Kodici Kriminali jghid:

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*
*(a)(iii) jekk tista' ggib periklu ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matulil-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzimsemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġibdak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbliminħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

Illi kif gie ritenut fl-kazistika nostrana u skond il-Professur Anthony Mamo dan ir-reat issehh jekk jirrizulta mankamanet jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz.

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[25] gie ritenut

[25] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Imhallef Vincent DeGaetano; Deciza 12 ta' Settembru 1996

*"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din ilhsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament talgilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah ilhsara fil-gergo mediku Jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

Illi dan il-punt huwa enfaziat mill-awtur legali Antolisei li stqarr li mankament jew l-isfregu ghandu ikun *"visible stando di fronte alla persona."* u li kien ikkonfermat fil-kaz **Il-Pulizija vs Emily Zarb**[26] fejn il-Qorti kkonfermat l-istess hsieb u stqarret li l-isfregju kkontemplat fl-artikolu 216(1)(b) jista jkun anke temporanju u li din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik *"li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin."*

Illi dan is-sentiment jinstab ukoll fil-kaz **Il-Pulizija vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**[27] fejn il-ghamlet referenza wkoll ghal awtur legali Manzini fejn gie ritenut:

[26] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Deciza 15 ta' Frar 1958; Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248
[27] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 484/2011; Deciza t-23 ta' Jannar 2013

*"peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita` della alterazione stessa, o per l'esp ressione d'assieme del volto".*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Reno Azzopardi**[28] ppreseduta mill-istess Qorti gie ritenut:

*Effettivament il-ligi taghna stess taghmel distinzjoni bejn sfregju li fil-prattika jissejjah "semplici" (artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u sfregju "gravi u permanenti" (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). U kif intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Fortunato Sultana: "Skond din id-disposizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali] l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghallfinijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' -isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghal hekk imsejha 'offiza gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali." Issa, sfregju hija "kull hsara li tista' ssir "fir-regolarita` talwicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[29] kien ritenut:

*L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hija*

[28] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 308/2010; Deciza t-2 ta' Marzu 2011

[29] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza it-12 ta' Settembru 1996

*kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. Lappellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammontaw ghall-offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Luke Sciberras**[30] gie ritenut li:

*"Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan irreat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss flezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jew 218. Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan ilkaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. Fi kliem iehor, fil-kodici penali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Fortunato Sultana tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma 6 tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghalesposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia fejn oltre s-sentenza citata saret*

[30] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Appell Numru 219/2016; Onor. Imhallef Giovanni Grixti; Deciza t-28 ta' Mejju 2018

*referenza ghal-diversi sentenzi ohra fosthom dik Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999."*

Illi skond l-awturi **Archbold 2021**[31]

*"Grievous bodily harm" should be given its ordinary and natural meaning of really serious bodily harm, and it is undesirable to attempt any further definition of it:* ***DPP v Smith [1961] A.C. 290, HL ; Cunningham [1982] A.C. 566, HL ; Brown (A.) [1994] 1 A.C. 212, HL .*** *It is not necessary that the harm should be either permanent or dangerous: Ashman (1858) 1 F. & F. 88. Nor is it a precondition that the victim should require treatment or that the harm would have lasting consequences; in assessing whether particular harm was "grievous", account has to be taken of the effect of the harm on the particular individual:* ***Bollom [2003] EWCA Crim 2846; [2004] 2 Cr. App. R. 6*** *. Bodily harm includes psychiatric injury:* ***Ireland; Burstow [1998] A.C. 147, HL*** *; but not psychological injury:* ***Dhaliwal [2006] EWCA Crim 1139; [2006] 2 Cr. App. R. 24*** *. "*[32]

L-istess awturi jghidu wkoll:

*It was formerly accepted that "causing" was wider than "inflicting" and that where the allegation was of causing grievous bodily harm, the issue was a straightforward one of causation: did the injury result from the act of the accused? The distinction has, however, been reduced to vanishing point by the decision of the House of Lords in* ***Ireland; Burstow ,*** *above, to the effect that, whilst "causing" and "inflicting" are not exactly synonymous, grievous bodily harm could be "inflicted" without an assault and without the direct or indirect application of force to the victim's person (psychiatric injury caused by persistent harassment).*[33]

L-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali jghid:

---

[31] Archobold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2021
[32] Ibid 19-258, Folio 2293
[33] Ibid 19-260, Folio 2293-2294

*"L-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn sentejn sa ghaxar snin jekk tigi maghmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv."*

Illi l-artikolu 218(1)(b)(2) tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin*[34]*. – (b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(2) Id-debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem, u l-marda tal-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[35]

[34] Fiz-zmien mertu tar-reat il-piena kienet minn disa xhur sa disa snin

[35] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[36] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[37] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[38],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik*

[36] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[37] Deciza 5 ta' Frar 1998
[38] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

*l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi l-prosekuzzjoni resqet diversi provi in sostenn ta' l-investigazzjoni taghhom inkluz xhieda ta' ufficjali li attendew fuq il-post, kif ukoll tobba li ezaminaw kemm il-vittma kif ukoll l-imputat. Ma jistax ma jinghadx li l-prosekuzzjoni ma ghamlitx investigazzjoni ezawrenti u ressqet il-provi kollha li kellha ghad-disposizzjoni taghha.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll l-allegat vittma Ahmed Mahmoud sabiex jixhed u jaghti l-verzjoni tieghu dwar kif graw l-affarijiet u jisostanzja l-kawza tal-prosekuzzjoni li l-akkuzi saru mill-imputat bl-intezjoni li jikkagunalu girehi.

Madankollu meta tressaq l-allegat vittma ghazel li ma jaghtix ix-xhieda tieghu. Illi din id-decizjoni seta jehodha u jindirizzaha mal-Qorti stante li bix-xhieda tieghu kien tal-fehema li seta' jinkriminaha ruhu. Il-ligi tipprovdi li kemm il-darba li xhud jista bix-xhieda tieghu ikun sejjer possibilment jinkriminaha ruhu ghandu d-dritt tas-silenzju u d-dritt li ma jaghtix ix-xhieda tieghu sabiex ma jesponix lilu innisfu ghal proceduri penali kontrih relatat mal-kaz in kwistjoni.

Illi f'dan il-kaz hekk ghamel ix-xhud Ahmed Mahmoud u ir-rizultat kien li ma tax ix-xhieda tieghu. Illi dan kien ix-xhud principali tal-kaz stante li kien hu li soffrew il-griehi gravi. Ix-xhieda tieghu kienet essenjali ghal-prosekuzzjoni ghaliex bix-xhieda tieghu seta jigi stabilit id-dinamika ta' l-incident, l-involviment u l-azzjonijiet ta' l-imputat kif jekk kienx hemm mottiv u x'intenzjoni kellu l-imputat. Illi fin-nuqqas ta' din ix-xhieda inhalqet lacuna fattwali u l-Qorti hija nieqsa ghal kollox dwar kif fattwalment graw l-affarijiet fil-mument li sehh l-incident.

Il-prosekuzzjoni lanqas resqet xhieda pajzana ohra li setghu kienu hemm u raw l-incident isehh u b'hekk kienu ikunu xhieda parjzali li setghu provdew informazzjoni importanti dwar x'kien gara. Dan in-nuqqas ma jiriflettix xi nuqqas da parti tal-proskuzzjoni izda biss juri li l-prosekuzzjoni ma setghetx tidentifika persuna prezenti fuq il-post.

Illi dan qed jinghad ukoll ghaliex l-imputat waqt l-istqarrija tieghu kif ukoll kif hareg mir-rapport tal-pulizija jispjega li dak kollu li ghamel kien sabiex jidefendi lilu nnifsu ghaliex l-allegat vittma kien qed jipprova jisirqu u beda jaggredih. Ghalhekk jekk il-Qorti kellha tistrieh fuq l-ispjegazzjoni ta' l-imputat biss ipoggi fid-dubbju l-kaz tal-prosekuzzjoni.

Illi fin-nuqqas tax-xhieda tal-vittma jew kwalunkwe persuna ohra li kien prezenti u ra l-incident isehh b'mod car din il-Qorti ma tistax tasal ghal konvinciement legali tad-dubbju dettat mir-raguni u ghaldaqstant sejra ikollha tghaddi sabiex ma issibx htija fil-konfront ta' l-imuputat u tilliberah.

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17; 31; 214; 215; 216(1) (a) (i) (ii) (b); 217; 218(1) (a) (b) (2); 338(dd); 339(1)(d); 382A; 383; 384; 385 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Ahmed Mohamed Musa Khalifa **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar l-24 ta' Gunju 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**